MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 1180/2002

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**H B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Jannar, 1985 u dana skond l-Att taz-Zwieg Numru 32/1985 hawn anness u mmarkat bhala Dokument MC1;

U premess illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba sevizzi gravi, ingurji, abbandun

u ragunijiet serji ohra imputabbli lill-konvenuta, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

U premess illi miz-zwieg twieldu erbat itfal, ossia C li ghandu sbatax-il sena, D li ghandu 13-il sena, E li ghandha ghaxar snin u G li ghandha tlett snin;

U premess illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati skond digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili bin-Numru 1772/2002, kopja ta' liema digriet qieghda tigi hawn anness u mmarkata bhala Dokument MC2, biex jipprocedu ghas-separazzjoni personali;

Tghid il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri hawn fuq imsemmija lill-attur;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet, kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundannaha sabiex tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali inkluzi flus, u fin-nuqqas tigi kkundannata thallas lill-attur il-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

6. Tordna l-izgumbrament tal-konvenuta mid-dar matrimonjali u cioe' mill-fond bl-isem ta' 'Casa A' u bin-numru <indirizz>.

Bl-ispejjez u l-konvenuta minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet :

1. Illi hlief ghall-ewwel talba fic-citazzjoni ipprezentata mill-attur, t-talbiet l-ohra tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li l-allegazzjonijiet minnu maghmula huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt stante illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli lill-attur li rrenda ruhu hati lejn martu ta' swat u vjolenza, theddid u ingurji gravi kif ukoll minacci u sevizzi u dana kif ser jirrizulta u ser jigi ippruvat ahjar waqt il-mori tal-kawza ;

2. Illi l-esponenti topponi ghall-fatt illi l-attur jinghata l-kura u l-kustodja tat-tfal u dana peress illi huma mhux biss m' ghandux il-hin talli m' huwiex persuna idonea u reaponsabbli bizzejjed sabiex jiehu kura tal-istess ulied minuri u dana kif ser jirrizulta wkoll mill-provi waqt is-smiegh ta' din il-kawza ;

3. Illi f' dak illi jirrigwarda t-tielet talba premess illi l-esponenti taqbel illi ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, liema divizjoni ghandha tirrispekkja mhux biss l-hidma taz-zewg partijiet izda principalment t-tortijiet imputabbli lill-attur ghat-tkissir irrimedjabilment taz-zwieg.

4. Illi b' referenza ghall-hames talba l-esponenti tichad kemm fil-fatt kif wkoll fid-dritt illi hija approprjat ruhha minn proprjeta' parafernali tal-istess attur.

5. Illi finalment l-esponenti filwaqt illi topponi ghas-sitt talba fic-citazzjoni tghid illi hija giet mahruga mid-dar matrimonjali bis-swat u vjolenza tant illi kellha ssib refugju gewwa shelter ta' nisa msawwta u fil-prezent hija flimkien mat-tlett uliedha qieghdin jghixu mal-genituri tal-esponenti u illi ghalhekk huwa l-attur illi jinhareg mid-dar matrimonjali u tidhol tghix fiha l-esponenti flimkien ma' uliedha.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati ;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tallum li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li huma jaqblu li l-provi mismugha u prodotti fil-kawza numru 437/03NC fl-ismijiet inversi, ghandhom jitqiesu bhala provi mismugha u prodotti fil-kawza odjerna ;

Rat ir-rapport[1] tal-perit l-legali l-Avukat Dottor Vincent Galea, minnu debitament mahluf ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Semghet lit-tfal minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta, minhabba li z-zwieg taghhom celebrat fl-10 ta' Jannar 1985 tkisser irrevokabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta fit-termini ta' l-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16, kif ukoll minhabba l-inkompatibbilita' ta' karattru bejn il-kontendenti; qed jitlob ukoll li din il-qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta ma topponix ghat-talba ghas-separazzjoni personali, izda tichad l-allegazzjonijiet maghmula kontra taghha, u tattribwixxi t-tkissir taz-zwieg unikament lill-attur ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 fuq indikat.

**Separazzjoni Personali**

**Il-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fl-10 ta' Jannar 1985 wara li kienu ilhom jikkoabitaw ghal circa

[1] Vol.3 fol. 1305

sentejn. Minn dan iz-zwieg ghandhom erbat itfal: Gilmore u D, li llum huma maggjorenni, u E u G li ghadhom minorenni u li llum ghandhom circa 17 u 10 snin rispettivament.

Illi fl-ewwel seba' snin circa tal-konvivenza matrimonjali r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda tajba, u wkoll s-sitwazzjoni finanzjarja taghhom li kompliet tiffjorixxi.

Izda sfortunatament, ghal habta tas-sena 1997, ir-relazzjoni matrimonjali bdiet tixxaqqaq hekk kif il-konvenuta kienet stqarret ma' l-attur li hi kienet waqghet fil-vizzju tad-droga kokajina; bir-rizultat li s-sitwazzjoni nibidlet minn wahda ta' konvivenza matrimonjali normali ghal wahda ta' litigar u argumenti kostanti bejn il-partijiet, li okkazzjonalment iddigeneraw f' incidenti ta' vjolenza fizika li fihom il-konvenuta kienet tisfa vittma.

Illi wara incident li sehh fl-ahhar ta' Settembru 2002, u li fih l-konvenuta sofriet griehi gravi, hija telqet mid-dar konjugali bit-tlieta mit-tfal minuri, u kienet giet rikoverata f' shelter fejn ghexet ghal xi zmien.

*Verzjoni Attur*

Illi l-attur jispjega li l-inkwiet matrimonjali bejnu u bejn martu beda fis-sena 1997, meta martu ammettiet mieghu li hija kellha problema kbira stante li kienet waqghet fil-vizzju tad-droga, u li din il-problema kienet ilha tbati minnha ghal certu tul ta' zmien.

Jghid li "jiena hfritilha bil-patt u kundizzjoni li hi kellha taghmel dak kollu necessarju halli tieqaf minn dan il-vizzju. Marti stess talbitni halli hija taghmel programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga."[2] Ikompli jghid li "Il-programm fil-fatt m' ghamlitux, u dana fuq insistenza tieghi stess. Illum meta nhares lura ninduna li jiena kont zbaljajt illi ghamilt hekk."[3]

[2] Vol.1 fol.50 – Affidavit
[3] Fol.1 fol.51 - Ibid.

Izda minn dan iz-zmien il quddiem il-hajja matrimonjali bejniethom tbiddlet, fis-sens li bdiet tiddegenera, principalment minhabba l-fissazzjoni ta' l-attur li martu kienet baqghet tabbuza mid-droga minn wara daharu. Jghid li "qatt ma stajt naqbadha fil-fatt". Hu kien assalit kontinwament bis-suspett li martu baqghet okkazzjonalment tikkonsuma d-droga.

F' dan ir-rigward jispjega : "jiena meta hija kienet tkun normali, u tiehu hsieb lil uliedi, jiena mohhi qatt ma stajt nzommu f' postu u bi kwietu ghaliex dejjem fis-suspett illi marti qeda tippjana halli tabbuza mid-droga. Dan kien iwassal ghal hafna glied bejnietna. Hija kienet, u baqghet traskurata, u ma tiehu hsieb xejn fid-dar. Marti kienet turi wkoll indifferenza lejn uliedi u ma tkunx sensittiva lejn il-bzonnijiet taghhom."[4]

Jghid pero' li "l-incidenti li nqalghu bejnietna ma kienux ikun gravi. Madankollu, jiena xorta wahda bqajt iffissat u vigilanti fuq marti ghaliex jiena kelli biza' kbira li marti ser terga' taqa' ghal vizzju mishut tad-droga kokajina. Jiena ... kelli tensjoni kbira fuqi u qatt ma stajt inserrah mohhi."[5]

Huwa jirrakkonta ncident li gara fil-bidu tas-sena 2002 fid-dar ta' oht il-konvenuta, meta, minhabba li hu kien ssuspetta li martu kienet hadet id-droga ma' hutha meta dawna dahlu fit-toilet, huwa tant irrabbja li "jien ma nafx x' gara aktar, u intlift u tajt lil marti daqtejn ta' harta, u tlaqt b' girja wahda ghal barra halli ma nkomplix niggrava l-affarijiet."  Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li hi kienet waqfet milli tabbuza mid-droga.

L-attur jirrakkonta ncident iehor li sehh f' Settembru 2002 meta l-partijiet kienu llitigaw minhabba l-fatt li, wara li kienu hargu u marru jieklu barra, u ghalkemm kien sar hafna hin, il-konvenuta ma rieditx tmur lura d-dar dak il-hin, imma riedet tibqa' barra tixrob.  Jghid li, wara provokazzjoni minn martu, "jien ghidtilha halli issa taqtaghha, u iggestikolajt b' idejja billi ftahthom berah u f'

[4] Vol.1 fol.52 – Ibid. sottolinear tal-qorti
[5] Vol.1 fol.54  - Ibid. sottolinear tal-qorti

dan il-mument jiena bi zball ilqattha naqra f' wiccha, precisament fuq xofftejha. Jiena dak il-mument skuzajt ruhi ma' marti."[6]

Jirrakkonta li gimgha wara, huma u sejrin tieg, nnota li l-mara kienet differenti mis-soltu bhal meta hija kienet tabbuza mid-droga, kienet hyperactive. Waqt ir-riceviment tat-tieg innota li hi kienet qeda tixrob il-Vodka b' mod eccessiv, u li f' hin minnhom kienet dahlet fit-toilet u damet hemm madwar kwarta. Sussegwentement, fi triqithom lura lejn id-dar, l-attur staqisha ghaliex damet daqshekk fit-toilet, u, fi kliemu, "Hija minflok wegbitni nfexxet taghtini u laqtitni fuq xofftejja." Jirrakkonta kif hu, li kellu id wahda fuq l-isteering wheel, pprova jiddefendi ruhu. Hin minnhom il-konvenuta "qabdet u harget mill-karrozza imfixkla, u waqghet b' tisbitha quddiem il-karrozza tieghi. Jista' jkun ukoll li hija habtet mal-bumper tal-karrozza meta waqghet."[7] Dan kollu gara vicin l-Ghassa tal-Pulizija, fejn sar rapport mill-konvenuta. L-attur jghid li l-ghada "innotajt li marti kellha diversi tbengil fuqha, tant li jiena kont sorpriz b' dan."

Wara dan l-ahhar incident, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tispjega li fis-sena 1990, meta allura l-partiijet kienu sejrin tajjeb fin-negozju taghhom, huma kienu ghamluha ma nies li jiehdu d-droga kokajina, bir-rizultat li "jiena u r-ragel bdejna niehdu maghhom. Jien ghogbitni, r-ragel induna u waqafna..... kont tikka fragli, u waqajt fil-vizzju, u r-ragel beda jinduna li beda jkolli hafna energija u bdejt nonqos..... [izda] kont mara, u ghelibt il-problema li kelli wahdi."[8]

Tkompli tghid "Ir-ragel qalli li hafirli, imma minn dak in-nhar il-hajja taghna tbiddlet mill-lejl ghan-nhar. Jien tlift il-kredtu kollu mieghu. Jekk jinqala' argument kien jghajjarni drogata ikun fuq x'hiex ikun. Kull meta nohrogu u jien

[6] Vol.1 fol.57 – Ibid.
[7] Vol.1 fols.58-59 Ibid.
[8] Vol.3 fols.1090-1091 - Affidavit

nkun ferhana jahseb li jiena hadt id-droga bhal li kieku biex inkun ferhana rrid niehu d-droga. Kien hemm hafna okkazzjonijiet li minhabba suspett hazin jien gejt vittma ta' swat u mwegga' bil-paroli ikrah li kien jghidli."[9]

Issemmi okkazzjonijiet fejn hi sfat vittma ta' vjolenza fizika minn naha ta' l-attur, fosthom l-incident ta' Settembru 2002 fejn l-Ghassa tal-Pulizja, fejn wara li l-attur rrimarkalha li ra diehla t-toilet u li kienet damet, huwa "beda jtini bil-ponn fil-karrozza. Faqali ghajnejja, xuftejja u zewg kustijli ta' fuq qalbi ..[hrigt mill-karrozza] ..u saq fid-direzzjoni tieghi u tefghatni ma' l-art. Jien qomt u tlaqt nigri lejn l-ghassa."[10] Kien rizultat ta' dan l-incident li mill-poliklinika, il-konvenuta giet riferuta ghal help-line u sussegwentement ntbghatet go shelter ghal xi zmien.

Il-konvenuta ezebiet certifikat mediku datat 3 Ottubru 2002 li jiddeskrivi l-griehi konstatati fuq il-persuna taghha, rizultat ta' l-ahhar incident fuq deskritt, u li gew klassifikati bhala griehi ta' natura gravi . Esebiet ukoll ritratti ndikanti l-griehi f' wiccha.[11]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-qorti, filwaqt li tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li fil-kaz odjern jezistu cirkostanzi validi fil-ligi li jghatu lok ghas-separazzjoni personali bejn il-konjugi, ma taqbilx ma dik il-parti fejn jattribwixxi l-htija liz-zewg partijet b' mod ugwali.

In propozitu huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet fattwali :

[1] Illi mill-provi jrrizulta ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li <u>z-zewg partijiet</u> kienu f' xi zmien jabbuzaw mid-droga kokajina. F' dan ir-rigward il-verzjoni tal-konvenuta hija aktar kredibbli. Din, kemm fl-affidavit[12] taghha, kif ukoll f' wahda[13] mid-depozizzjonijiet taghha, tghid li meta huma

---

[9] Vol.3 fol.1091 – Ibid.
[10] Vol.3 fol.1092 – Ibid.
[11] Vol.3 fols.1095-1096
[12] Vol.3 fol.1090
[13] Vol.3 fol.1140

kienu jghamluha ma’ certu nies, huma t-tnejn kienu jiehdu minn din id-droga. Minn naha tieghu l-attur ma nnegax li anke hu kien jiehu din id-droga, u fuq mistoqsija specifika in propozitu, ghazel li ma jwegibx[14]. Ghalhekk din il-Qorti, anke fuq il-grad ta’ probabbilita’, hija tal-fehema li z-zewg partijiet, fiz-zmien meta kienu finanzjarjament floridi, kienu jabbuzaw bil-konsum minn din id-droga.

[2] Illi, filwaqt li l-attur ma waqax fil-vizzju, il-konvenuta minn naha taghha, sfortunatament cediet ghall-vizzju, bir-rizultat li inizjalment kienet tiehu d-droga ad insaputa ta’ zewgha, u li kienet takkwista bil-flus li kienu jidhlu minn negozju, u li l-amministrazzjoni taghhom kienet fdata lilha minn zewgha.

[3] Illi, pero’ fil-fehema ta’ din il-qorti, dak li wassal ghat-tifrik tal-hajja matrimonjali b’ mod li l-konvivenza kienet saret insapportabbli, ma kienx il-fatt per se li l-konvenuta waqet ghall-vizzju tad-droga, izda kien proprju l-atteggjament ta’ zewgha l-attur u l-mod inadegwat u aggressiv fil-konfront ta’ martu, li bih hu haseb li seta’ jsolvi l-problema.

Il-Qorti thoss li, fic-cirkostanzi, il-konvenuta kienet ghaqlija bizzejjed biex meta waslet f’ certu stadju tad-dipendenza taghha sal-punt li kienet tiehu mill-flus tal-komunjoni sabiex tissodisfa l-vizzju, hija kienet talbet lill-attur sabiex hi taghmel programm ta’ rijabilitazzjoni mid-droga. Decizjoni, din, da parti taghha, li probabbilment kienet twassalha b’ success sabiex tehles mill-vizzju. Izda minn naha tieghu, l-attur kien irrifjuta, u fi kliemu “il-programm fil-fatt m’ ghamlitux, u dan fuq insistenza tieghi stess. Illum, meta nhares lura, ninduna li jiena kont zbaljajt...”[15]

Il-Qorti thoss li kienet din id-decizjoni zbaljata ta’ l-attur li wasslet sabiex ir-relazzjoni matrimonjali bejniethom bdiet tiddegenera b’ mod li eventwalment il-konvivenza bejniethom saret impossibbli. L-attur kien manifestament inkapaci sabiex wahdu jghin lil martu fil-problema li kellha,

[14] Vol.3 fol.1198
[15] Supra – sottolinear tal-qorti

bir-rizultat li l-fissazzjoni li trabbiet fih u l-vigilanza kostanti tieghu fuq martu kienet saret ossessjoni alimentata b' suspetti kontinwi li din kienet qeda tabbuza mid-droga minn wara daru. L-effett ta' dan fuq l-attur kien li, okkazzjonalment, huwa kien jsawwat lil martu, filwaqt li l-effett fuq martu kien li dina ma setghetx tikkonvivi aktar ma' zewgha li kontinwament kien jsus warajha u jinfexx fiha meta ma jkunx jista' jikkontrolla ruhu. Rizultat ta' dan, il-konvenuta kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali.

Fin-nota[16] tieghu, l-attur jipprova jiggustifika dan il-komportament aggressiv tieghu bl-argument li "l-agir [tieghu] wara li nduna bis-sitwazzjoni tal-mara tieghu kien konsegwenzjali [ghal] din l-istess sitwazzjoni." u jtenni li l-raguni ewlenija tat-tifrik taz-zwieg kien il-fatt ta' l-abbuz tad-droga minn martu. Il-Qorti tosserva li l-provi migjuba juru proprju l-kuntrarju. Huwa minnu li martu kellha problema tad-droga, izda mill-provi [1] ma rrizultax li din il-problema kienet baqghet tissussisti, u [2] ma rrizultax li kien il-komportament taghha li irrenda l-konvivenza matrimonjali difficli, imma kien il-komportament abuziv ta' zewgha fil-konfront taghha li wasal sal-livell li kkostringa lill-konvenuta titlaq mid-dar konjugali.

Ghalhekk, l-Qorti hija tal-fehema ferma li, ghalkemm jirrizulta car li z-zwieg tkisser irrevokabbilment, il-kawza ta' dan ma kienx il-fatt li l-konvenuta kellha problema tad-droga, izda kien il-komportament abuziv ta' l-attur fuq il-konvenuta, li, ezercitat abitwalment u ripetutament, fuq tul ta' zmien, kien irrenda l-konvivenza matrimonjali insopportabbli ghall-istess konvenuta. B' hekk il-komportament ta' l-attur kien jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16.

Illi l-kwadru premess jeskludi l-imputazzjoni ta' l-abbandun da parti tal-konvenuta fit-termini ta' l-artikolu 41 ta' l-istess kap, stante li, la jirrizulta l-ingredjent taz-zmien, u lanqas dak tan-nuqqas ta' raguni tajba.

---

[16] Vol.4 fol.1717

Illi rigward ir-relazzjonijiet extra matrimonjali li, fis-seduta peritali tal-11 Ottubru 2005[17], iz-zewg partijiet ammettew li kellhom f' dak iz-zmien, il-Qorti tikkunsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet :

[1] Illi fid-depozizzjoni taghha tas-6 ta' Ottubru 2003[18] il-konvenuta tghid li hi ma kellha relazzjoni ma' hadd, filwaqt li l-attur jghid li hu qatt ma kellu relazzjonijiet sesswali ma nisa ohra ; izda fid-depozizzjonijiet sussegwenti moghtija mill-partijiet fil-11 ta' Ottubru 2005, il-konvenuta tghid li « nikkonferma li ghandi relazzjoni, pero' ma jorqodx ghandi. Nghid li "I am seeing somebody' pero' nghix wahdi.", filwaqt li l-attur jghid "jien nikkonferma li ghandi relazzjoni wkoll."

[2] Illi in propozitu l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attur fin-nota[19] tieghu li dawn ir-relazzjonijiet sehhew "wara li z-zwieg tfarrak". Kif fuq indikat, il-Qorti tosserva li r-relazzjoni extra matrimonjali tal-konvenuta ma kienitx il-kawza tas-separazzjoni, izda kienet konsegwenza taghha wara li din kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali circa <u>sentejn</u> qabel.

[3] Illi inoltre, ghalkemm il-konvenuta ammettiet li hi kienet qeda tohrog ma' ragel iehor, hija tikkwalifika l-livell ta' din ir-relazzjoni, fis-sens li eskludiet espressament li dan kien jorqod ghandha d-dar ; u, ghalhekk, fic-cirkostanzi, din id-depozizzjoni tal-konvenuta ma tistax tittiehed bhala ammissjoni ta' relazzjoni adultera da parti taghha ; ghax ghandu jirrizulta car li mhux kull relazzjoni bejn mara u ragel hija tal-livell fejn il-partijiet jghamlu l-att taz-zwieg bejniethom.

Ghalhekk, il-fatt li r-relazzjoni extra matrimonjali tal-konvenuta ma kienetx il-<u>kawza</u>, la principali u lanqas sekondarja, tas-separazzjoni bejn il-partijiet, imma kienet <u>konsegwenza</u> ta' l-istess, <u>kif ukoll</u> il-fatt li ma jirrizultax sodisfacentement provat li din ir-relazzjoni kienet wahda adulteruza,u l-fatt ammess mill-attur li anke hu qieghed f'

---

[17] Vol.3 fol.1256
[18] Vol.3 fol.1140
[19] Vol.4 fol.1716

relazzjoni extra matrimonjali ; dawn il-fatti, fil-fehema ta' din il-Qorti, ma jdghajjfux id-dritt tal-konvenuta milli tkompli tircevi manteniment minghand l-attur bhala l-parti unikament hatja tas-separazzjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li, il-htija tas-separazzjoni tirrisjedi kollha kemm hi fuq l-attur, u mhux fuq il-konvenuta.

**Kura u Kustodja**

Illi f' din il-materja jimpera l-principju li l-Qorti ghandha thares lejn l-interessi tat-tfal minuri bhala supremi, b' mod li jipprevalu anke fuq l-interessi tal-genituri ; u konsegwentement il-Qorti ghandha tfittex dak li hu l-aktar ta' vantagg ghall-minuri.

Illi fil-kaz in dizamina, ma hemmx dubju li z-zewg genituri jhobbu lil uliedhom u jiehdu hsiebhom, u dan jirrifletti fl-istess minuri li t-tnejn esprimew ix-xewqa li jibqa' jkollhom kuntatt maz-zewg genituri ; u, fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehema li thalli vigenti l-istatus quo f' materja ta' kura effettiva tal-minuri u access.

Ghaldaqstant tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta, izda t-tfal jghixu u jkunu fil-kura effettiva ta' ommhom, filwaqt li l-missier ikollu access ghall-minuri kif ser jinghad : in kwantu ghall-minuri G kull gimgha, minn nhar ta' Gimgha wara l-iskola, minn fejn ghandha tingabar mill-missier, sas-Sibt 7.00pm f' liema hin ghandha tigi ritornata ghand l-omm ; in kwantu ghall-minuri E, li llum ghandha 17-il sena, l-access ikun kull gimgha mill-Gimgha 9.00am sas-Sibt 7.00 pm.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Din tikkonsisti fis-segwenti : [1] Id-dar matrimonjali, [2] bastiment : Gatto/Liberty 5 ; [3] cabin cruiser u katamaran ; [4] permessi ta' hawker, f' il-Belt u f' Bugibba ; [5] vettura Jeep Renegade ; [6] life policies ; [7] depoziti bankarji ; [8] kontijiet loan/overdrafts ; [9] effetti mobbli fid-dar konjugali u hagar prezjuz, u stock tan-negozju ta' hawker.

Il-Qorti issa ser tghaddi ghall-konsiderazzjonijiet taghha fuq dawn l-assi – attiv u passiv – tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u ghall-assenjazzjoni ta’ l-istess :

*Attiv*

Il-Fishing Trawlers : ‘Gatto’ u l-‘Liberty 5’

Illi mill-provi jirrizulta li d-dghajsa tas-sajd bl-isem ‘Gatto’ kienet inxtrat matul iz-zwieg. Maz-zmien din id-dghajsa bdiet tiddeterjora b’ mod li ma kienitx aktar operabbli jekk ma jsirulhiex riparazzjonijiet kbar. Skond certifikat[20] mahrug mill-Marine Surveyor J.Amato, din kienet giet stmata minnu fit-12 ta’ Novembru 2002 fis-somma ta’ LM12,500.

Illi mix-xhieda ta’ Dottor Anthony Gruppetta[21], bhala Direttur Generali tat-Taqsima Regolamenti Veterinarji u Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajid, u d-dokumenti minnu ezebiti, jirrizulta li fis-sena 2002 circa l-Gvern kien nieda skema ta’ ghajnuna ghas-sidien tad-dghajes tas-said, u peress li l-bastiment ‘Gatto’, allura registrat mad-dipartiment fuq isem l-attur biss, kien jehtieglu reparazzjonijiet kbar, din giet meqjusa bhala li tidhol fl-iskema.

Konformament kien sar kuntratt pubblikat fl-20 ta’ Frar 2003 li permezz tieghu l-attur kien gie meqjus bhala beneficjaru taht dik l-iskema u bhala tali ntitolat ghas-somma ta’ LM35,000 biex jixtri bastiment tas-sajd biex jissostitwixxi l-‘Gatto’. Sussegwentement kien hemm upgrading bir-rizultat li permezz ta’ kuntratt pubbliku datat 28 ta’ Marzu 2003, l-ghotja kienet giet awmentata ghas-somma ta’ LM150,000.[22]

Kif xehed l-imsemmi Dottor Gruppetta, din l-ghotja kienet inghatat lil A B li kien registrat maghhom bhala ‘boat owner’ tad-daghjsa ‘Gatto’. Fi kliemu: “[il-flus] thallsu li A B bhala deterntur u l-operatur tal-bastiment [Gatto], u thallsu biex jigi mibdul il-bastiment ghaliex kien hemm survey li kien juri li l-Gatto, d-dghajsa ta’ qabel, ma kienitx fi stat li

[20] Vol.11 fol.93
[21] Vol.4 fols.1591 *et seq.*
[22] Vol.4 fols. 1593 – 1594 ; Kuntratti fols.1613 - 1623

tigi upgraded jew riparata. Fil-fatt b' hekk il-bidla wkoll fl-ammont......il-kuntratt inghata ghal bdil tal-bastiment."[23] B' hekk, bl-ghotja li nghatat lill-attur, dan akkwista l-bastiment 'Liberty 5' biex jissostitwixxi l-bastiment 'Gatto'[24]

Ix-xhud jghid ukoll li, inizjalment is-sid tal-bastiment baqa' jigi registrat bhala A B, izda gheluq is-sena 2007, l-isem gie mibdul ghal 'Liberty Company Limited' li taghha l-istess A B kien direttur.

Illi mid-dokument Y5[25], ezebit mill-istess xhud, jirrizulta li l-imsemmija somma ta' LM150,000 thallset f' sitt pagamenti, l-ewwel wiehed sar fl-20 ta' Frar 2003 u l-ahhar wiehed gie effettwat fit-23 ta' Marzu 2007.

Illi d-dokument Y6[26], ezebit mill-istess xhud, huwa prospett li juri l-bejgh [wholesale] annwali tal-hut, registrat fuq l-imsemmija bastimenti, ghall-perijodu li jestendi mis-sena 2002 sas-26 ta' Marzu 2008. Minn dan il-prospett jirrizulta li fis-snin 2003 u 2004 il-bejgh kien minumu, filwaqt li fis-sena 2005 awmenta konsiderevolment, sakemm fl-ahhar tas-sena 2007 il-bejgh tal-hut f' dik is-sena kien ta' €82,600 [LM35,460]. Ix-xhud jghid ukoll li l-performance tal-bastiment tirrizulta mill-valur tal-bejgh tal-hut, u wkoll, li dawn jigu registrati fuq il-bastiment u mhux fuq is-sid tal-bastiment.[27]

Illi d-dokument LC[28], ezebit minn rapprezentant ta' l-MFSA, juri li l-kumpanija Liberty Fishing Co. LTD giet registrata fit-22 ta' Frar 2007 bl-iskop principali "to own a fishing trawler and carry fishing activities." F' din id-data l-uniku shareholder u direttur tal-kumpanija kien certu Raymond Bonnici li kien ukoll segretarju ta' l-istess. Fit-28 ta' Marzu 2007 l-attur kien gie appuntat Direttur tal-kumpanija, izda fl-4 ta' Settembru 2007 kien irrezenja minn din il-kariga. L-istess rapprezentanta tikkonferma li l-attur qatt ma kien shareholder f' din il-kumpanija.

[23] Vol.4 fol.1594
[24] Vol.4 vide fols.1616 - 1619
[25] Vol.4 fol.1631
[26] Vol.4 fol.1632
[27] Vol.4 fol.1666
[28] Vol.4 fols.1644 [dep. Lea Caffari]

Illi mid-dokument Y7[29], ezebit mill-imsemmi Dr.Gruppetta, u li hi kopja tal-licenzja valida sal-31 ta' Dicembru 2007, jirrizulta li l-bastiment 'Liberty' gie registrat fil-5 ta' Gunju 2007, u, filwaqt li Raymond Bonnici, huwa ndikat bhala 'skipper', is-sid tal-bastiment huwa minizzel bhala "B A o.b.o Liberty Fishing Co.Ltd." L-istess xhud jikkonferma li l-hlas tal-licenzja tas-sena 2008 kien gie effetwat.

Illi wara x-xhieda ta' l-imsemmi Dr.Anthony Gruppetta, il-konvenut talab li "jerga' jiddeponi fil-qasir dwar certu fatti u limitatament ghal dak li hareg mix-xhieda li nghatat dwar l-ghajnuna li ddepona dwarha Dr.Anthony Gruppetta halli l-Qorti jkollha stampa cara dwar dan."[30]. Konsegwentement dan xehed[31] fil-5 ta' Novembru 2008, fejn spjega li huwa kien xtara l-bastiment 'Gatto' ghas-somma ta' LM15,000. Ghalkemm suppost li kull 10 snin kellu jsir certu xoghol ta' maintenance fuqu, dan qatt ma sar, b' mod li l-kaptan ried jwaqqaf il-bastiment milli jkompli jopera. Eventwalment il-bastiment ghereq parzjalment fis-sena 2003. Konsegwentement huwa, fuq suggeriment ta' l-imsemmi Dr.Gruppetta, kien avvicina l-bank biex jghinu jghamel l-ispejjez necessarji fuq dan il-bastiment, izda, peress li l-konvenuta kienet irrifjutat li tnehhi s-sekwestri li kienet ghamlitlu, il-bank ma setghax jghinu. Jghid il-konvenut, li minhabba f' hekk, u, peress li l-ewwel offerta ta' LM36,000 maghmula mill-Gvern ma kienitx adegwata biex tkopri l-ispiza sostanzjali ta' LM85,000 mehtiega ghar-riparazzjoni tal-bastiment, huwa bejgh id-dghajsa ghas-somma ta' LM10,000 lil certu Raymond Bonnici. Il-konvenut jispjega li, sa dak il-mument, ma kienx jaf bl-ghotja li kien ser jghatih il-Gvern ta' LM150,000 biex jissostitwixxi l-bastiment 'Gatto' b' wiehed gdid. Jghid li "l-agreement ma' Bonnici, jiena ma nafx meta sar." u lil martu ma kienx informaha dwar din it-transazzjoni peress li, skond hu, hi ma rieditx tkellmu.

In propozitu hija opportuna l-osservazzjoni li, filwaqt li fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-attur jghid li l-ghajnuna

[29] Vol.4 fol.1633
[30] Rikors Vol.4 fol.1674
[31] Dep. Vol.4 fols.1686 *et seq.*

ta' LM150,000 mill-awtoritajiet "giet hafna wara li hu ittrasferixxa l-imsemmija opra tal-bahar.",[32] fix-xhieda tieghu l-attur jghid li ma kienx jaf meta kien sar il-bejgh tal-Gatto lil Raymond Bonnici, u wkoll il-provi juru li dan kien fiz-zmien meta l-Gvern kien offrielu s-somma ta' LM35,000. L-attur jghid li « f' dak il-mument li jien nehhejt il-Gatto"[33] Dan kien bejn is-sena 2002 u 2003. Inoltre, jigi osservat ukoll li l-imsemmi Raymond Bonnici li, skond l-attur kien ix-xerrej tal-Gatto u li hu wkoll id-direttur u l-uniku shareholder tal-kumpanija li akkwistat il-Liberty 5, dan il-persuna, daqsehekk relevanti ghat-tezi ta' l-attur, ma giex prodott bhala xhud.

Illi fl-affidavit tieghu prezentat fit-28 ta' Frar 2006, il-konvenut jghid li "mis-sena 2003 kelli nwelli [il-Gatto] ghas-somma ta' LM400 fix-xahar lil Kaptan Charles Grech", u dana biex jaqta' mill-ispejjez li dan kien ghamel fuq il-bastiment. B' hekk l-imsemmija somma ma kienitx tithallas lill-konvenut, izda kienet tinzamm mill-istess Charles Grech akkont ta' l-ispejjez maghmula minnu u dovuti lill-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess jirrizulta manifest li l-bastiment 'Gatto', li jifforma parti milli assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, ma kienx meqjus aktar vijabbli bhala dghajsa tas-sajd u ghalhekk il-Gvern kien iddecieda li jghati ghotja finanzjarja lill-attur, bhala "boat owner" sabiex jixtri bastiment gdid in sostituzzjoni tal-bastiment 'Gatto'. Di fatti l-attur irceva minghand il-Gvern, ghal dan l-iskop, sitt pagamenti ammontanti komplessivament ghall-imsemmija somma, b' l-ahhar pagament isir fit-23 ta' Marzu 2007,biex b' hekk gie akkwistat il-bastiment il-gdid 'Liberty 5'.

Izda, l-attur ma spjegax fix-xhieda tieghu [lanqas fl-ahhar depozizzjoni tieghu fejn hu, fuq talba tieghu, kellu jixhed sabiex din il-Qorti "jkollha stampa cara"] ir-raguni ghalfejn il-bastiment 'Liberty 5' kien gie trasferit minnu fuq

[32] Vol.4 fol.1721
[33] Vol.4 fol.1688

kumpanija appozitament registrata, u li taghha l-attur ma kienx shareholder izda biss direttur ghal certu zmien. Fi kliem iehor, l-attur naqas li jispjega sodisfacentement ghaliex, dik l-ghotja li nghatat mill-Gvern lilu bhala “boat owner” tal ‘Gatto’, li tieghu l-konvenuta ghandha sehem ta’ nofs indiviz, giet impjegata biex inxtara bastiment fuq isem terza persuna, u mhux fuq isem l-attur. Fir-rigward, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li din il -manuvra tieghu, u li saret ad insaputa tal-konvenuta, tikkostitwixxi tentattiv da parti tieghu biex jippriva lil martu minn dak li hu gustament taghha

Il-Qorti tosserva li, gialadarba l-ghotja ta’ LM150,000 li nghatat lill-attur biex jissostitwixxi bastiment [Gatto] li kien jifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, allura din is-somma ghandha tigi kunsidrata bhala li dahlet fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ; u issa, gjalarba l-bastiment [Liberty 5], akkwistat b’ dawk il-fondi, gie trasferit abuzivament mill-attur fuq terza persuna, allura l-konvenuta ghandha dritt ghar-rifuzjoni ta’ nofs is-somma percepita mill-attur, u li tirrapprezenta nofs il-valur tal-bastiment akkwistat.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenuta hija kreditrici tal-komunjoni ta’ l-akkwisti fl-ammont ta’ LM75,000 ; u konsegwentement, tenut kont tal-proposta[34] tal-konvenuta, maghmula fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, hija tirrinunzja ghal kull interess li hi ghandha fil-bastimenti fuq imsemmija. F’ dawn it-termini l-Qorti tordna li mal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, il-konvenuta tithallas l-imsemmija somma.

*Attiv*

Id-Dar Matrimonjali – Numru <indirizz>.

Il-Qorti f’ dan ir-rigward taqbel mal-perit legali, u konsegwentement tordna li dan il-fond jinbigh fuq is-suq liberu fiz-zmien sena, u f’ kaz li dan il-perijodu jghaddi nutilment, il-fond jinbigh bis-subbasta, versu l-prezz ta’ mhux anqas minn €.349,406 [ekwivalenti ghal LM150,000].

34 Vol.4 fol.1737

Illi mir-rikavat ta' dan il-fond, ghandhom jithallsu d-djun kollha gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti, hawn taht indikati, inkluz il-kreditu tal-konvenuta ta' LM75,000 u wara li jsir dan, il-bilanc jigi maqsum f' zewg porzjonijiet ugwali, u porzjon tigi konsenjata lill-attur filwaqt li l-porzjoni l-ohra tigi konsenjat lill-konvenuta.

Inoltre permezz ta' dan il-gudizzju, il-Qorti tordna li fi zmien sena l-attur jallontana ruhu mid-dar konjugali.

*Mobbli fid-dar*
Illi l-mobbli fid-dar ghandhom jinbighu bl-istess mod, u r-rikavat jinqasam wgwalment bejn il-partijiet, wara li dawn jigu debitament stmati minn Vincent Ciliberti li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop a spejjez taz-zewg partijiet f' porzjonijiet ugwali.

*Krediti kontra Kummissarju tal-Pulizija u kontra is-socjeta' Valletta Freight Services Ltd.*
Illi jirrizulta li ghad hemm pendenti quddiem il-qrati kawza fl-ismijiet A B vs Kummissarju tal-Pulizija [Cit.783/00RCP] li kienet giet deciza mill-Prim Awla fit-12 ta' Dicembru 2002 fejn l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-attur A B s-somma ta' LM49,991 bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament. Din il-Qorti tordna li fil-kaz li din is-sentenza tigi konfermata, in toto jew in parte, mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, il-hlas kollu dovut mill-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jinqasam wgwalment bejn iz-zewg partijiet f' din il-kawza.

Illi wkoll ghad hemm pendenti kawza ghad-danni quddiem l-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet A B vs Valletta Freight Services Ltd. [Cit.86/2000GC]. Din il-Qorti tordna li f' kaz ta' ezitu favorevoli ghall-attur, l-ammont percepit minnu ghandhu jinqasam f' porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet.

*Dghajjes*
Illi l-cabin cruiser "Josephine" [F-295] tal-valur ta' circa €18,635 [ekwivalenti ghal LM8,000], u l-catamaran "Marston" tal-valur ta' circa €9,317.50 [ekwivalenti ghal

LM4,000], ghandhom jinbighu fuq is-suq hieles, u fil-kaz li jghaddu sitt xhur minghajr ma jinbighu, ghandhom jinbighu bis-subbasta bi prezz ta' mhux anqas mill-ammonti fuq indikati.

*Vettura*
Illi l-unika vettura li tirrizulta li hi tal-komunjoni hi l-Jeep Renegade Mar 238 li fil-prezent qeda fil-pussess ta' l-attur, u li skond certifikat ta' l-Inginier J.Amato mahrug fis-6 ta' Jannar 2003, din kienet giet stmata fis-somma ta' LM1,200. Il-Qorti qed tassenja lill-attur is-sehem tal-konvenuta f' din il-vettura, filwaqt li tordna li l-attur jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €1,398 [ekwivalenti ghal LM600] rapprezentanti l-valur ta' sehemha fil-vettura.

Illi in kwantu ghall-vetturi l-ohra ndikati, uzati mill-attur izda li jinsabu f' izem terzi, l-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, u hija wkoll tal-fehema li l-konvenuta ma resqitx provi biex issostni l-allegazzjoni taghha li dawn fir-realta' jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti.

*Permessi ta' Hawker*
Illi mill-provi jirrizulta li hemm s-segwenti permessi :
Permess fuq isem l-attur biex jarma l-Belt ;
Permess fuq isem l-attur biex jarma Bugibba ;
Permess fuq isem il-konvenuta biex tarma l-Belt ;
Permess fuq isem Christopher Hughes biex jarma l-Belt ;
Permess fuq isem Jacqueline Hughes;

Illi rigward il-permessi fuq isem terzi persuni, il-Qorti tosserva li, ghalkemm jirrizulta provat li l-permess fuq isem Christopher Hughes huwa fil-fatt proprjeta' tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, izda rigward il-permess fuq Jacqueline Hughes hemm biss ix-xhieda tal-konvenuta, minghajr konferma ta' l-istess Jacqueline Hughes. Ghaldaqstant fir-rigward ta' dan il-permess ma jistax jinghad li gie pruvat li dan jappartjeni lill-partijiet.

Illi permezz ta' nota kongunta prezentata mill-partijiet fil-5 ta' Ottubru 2009, u nota ulterjuri prezentata minnhom fis-16 ta' Ottubru 2009, dawn talbu li din il-Qorti taddotta fis-

sentenza taghha l-ftehim milhuq bejn il-partijiet fir-rigward tal-permessi tal-Monti bin-numri 24 u 113.

In propozitu, il-Qorti tordna li l-permessi li huma fuq isem il-partijiet, hlief dak ta’ Bugibba li hu fuq isem l-attur, jinbighu fi zmien sitt xhur, jew jigu ritornati lill-Gvern versu kumpens, u r-rikavat jew il-kumpens, jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet ; salv ghal permess numru 24 [Monti] li gie ritornat lura lill-Gvern versu kumpens ta’ €30,000, liema ammont ghandu jinqasam bejn il-partijiet hekk : in kwantu ghal €15,200 ghandu jinghata lil H B, filwaqt li l-ammont ta’ €14,800 ghandu jinghata lil A B[35].

Illi permezz ta’ nota kongunta prezentata mill-partijiet fil-5 ta’ Ottubru 2009, dawn talbu li din il-Qorti taddotta fis-sentenza taghha l-ftehim milhuq bejn il-partijiet fir-rigward tal-permessi tal-Monti bin-numri 24 u 113.

In propozitu, il-Qorti tordna li l-permessi li huma fuq isem il-partijiet, hlief dak ta’ Bugibba li hu fuq isem l-attur, jinbighu fi zmien sitt xhur, jew jigu ritornati lill-Gvern versu kumpens, u r-rikavat jew il-kumpens, jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet ;  salv ghal permess numru 24 li ghandu jigi ritornat lura lill-Gvern versu kumpens ta’ €30,000 “liema ammont ser jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti maqbula bejn il-partijiet.” Jigi osservat, li fit-tielet paragrafu ta’ l-imsemmija nota hemm dikjarat li partijiet jaqblu li l-attur “diga’ gie kumpensat minn martu l-komparenti H B ghal spejjez ammontanti ghal €600 inkorsi ghal permess tal-Monti [Valletta ]bin-numru 113”.

Il-permess ta’ Bugibba, ghandu jibqa’ fuq isem l-attur li minn naha tieghu ghandu jghati nofs il-valur tieghu lill-konvenuta; u jekk il-partijiet ma jifthemux fuq valur, huma ghandhom jitolbu l-intervent ta’ din il-qorti b’ rikors ad hoc biex jigi nominat espert ghal dan l-iskop a spejjez taz-zewg partijiet.

Rigward il-permess fuq isem Christopher Hughes il-Qorti tordna li ssir stima ta’ dan il-permess, fi zmien xaharejn,

[35] Nota 16.10.2009

biex fl-eventwalita' li l-istess Hughes jitrasferixxi l-permess lil wahda mill partijiet f' din il-kawza, din il-parti tkun obligata li thallas lill-parti l-ohra nofs il-valur ta' dan il-permess.

Rigward il-permess fuq isem Jacqueline Hughes, il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement li dan jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet.

*<u>Oggetti Mobbli Ohra</u>*

Illi rigward il-mink coat u d-deheb li hadet maghha l-konvenuta meta telqet mid-dar matrimonjali, u l-istokk tan-negozju li baqa' jgawdi l-attur, u li skond l-attur, dan eventwalment insteraq, il-Qorti tosserva li l-partijiet strahu fuq l-allegazzjonijiet maghumla minnhom ; u inoltre, ma hemmx prova dwar il-valur taghhom, hlief li l-attur jallega li l-mink coat jiswa mat-€6,988 [ekwivalenti ghal LM3,000] ; wkoll ma hemmx prova dwar il-valur ta' l-istock li nsteraq, u wkoll jekk dan insteraqx kollu jew parti minnu.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li, filwaqt li l-konvenuta zzomm l-oggetti mehuda minnha ; l-attur izomm l-istock tan-negozju, mizmum minnu fil-prezent.

*<u>Poloz ta' l-Assikurazzjoni [PA]</u>*

Illi fl-assi tal-komunjoni hemm : [1] PA ma' l-Eagle Star Life, Assurance Policy numru 3517071 f' isem l-attur ; [2] PA mal-Assicurazioni Generali SPA numru LTA 02759 f' isem l-attur ; u [3] PA mal-HSBC Life Assurance plc nru.200-002141 f' isem l-attur.
Il-Qorti tordna li dawn il-poloz jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

*<u>Kontijiet Bankarji</u>*

Illi kif indikat fir-relazzjoni tal-perit legali fil-pagna 57[36] hemm tlett kontijiet savings, tnejn fuq isem l-attur u wiehed fuq isem il-konvenuta. Illi tenut kont ta' l-ammonti tenwi f' dawn il-kontijiet, il-Qorti tordna li kull parti zzomm il-kont li fil-prezent huwa fuq isimha.

[36] Vol.3 fol.1360

*Passiv*
Illi sussegwenti ghar-rapport tal-perit legali, xehedet Sharon Camilleri[37] ghan-nom tal-Bank HSBC rigwardanti l-loan u l-overdraft accounts li jezistu fil-prezent fuq isem iz-zewg partijiet, fejn spjegat x' kontijiet ta' self ghadhom pendenti u r-raguni tas-self rispettiv ; u pprezentat l-istatements rispettivi markati dokumenti SC1 sa SC7.[38]

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ghandhom fuq isimhom is-segwenti kontijiet ta' self :
[1] Home Loan a/c numru 16009263;
[2] Loan Account [Gatto] numru 050 038660 301 [illum maghluq]
[3] Rescheduled Overdraft a/c 050 038660 340,mehud sabiex jigi operat in-negozju tal-partijiet [home entertainment];
[4] Rescheduled Overdraft a/c 050 038660 341, "li qed jitunza ghad-dghajsa jisimha Gatto."
[5] Rescheduled Overdraft a/c 050 0385660 342, li qed jintuza ghall-business ta' hawker.

Minn dokument DF11[39] prezentat minn Dennis Francalanza u li jgib id-data 28 ta' Jannar 2002, jirrizulta li f' dik id-data l-Bank HSBC kien awtorizza « Loan no.2 – originally LM27,000 sanctioned to refurbish and equip the 87 feet fishing trawler 'G.Gatto' u li minn dokument DF1[40] datat 3 ta' Jannar 2003 jirrizulta li dan il-Loan [2] igib in-numru 050 038660 301 u kien juri bilanc [debit] fl-ammont ta' LM12,979.41. Skond ittra datata 21 ta' Ottubru 2005 markata dokument SC4[41] dan il-loan account kien ghadu qed jigi operat fis-sens li kienu qed jisiru pagamenti akkont. Dan il-kont illum huwa maghluq.

Illi mill-atti jirrizulta li fil-mori tal-proceduri l-attur kien baqa' jaffettwa l-pagamenti b' mod li sat-2 ta' April 2008 fil-home loan kien ghad fadal debitu ta' €23,031; filwaqt li sat-22 ta' Mejju 2008 fuq il-kontijiet 340, 341 u 342 kien ghad

---

[37] Vol.4 - Dep. fols.1642 *et seq*. fols.1650 *et seq.*
[38] Vol.4 fol.1647B
[39] Vol.3 fol.1051
[40] Vol.2 fol. 367
[41] Vol.4 fol. 1657B

fadal is-segwenti debiti, rispettivament: €33,617.03, €21,632.22 u €99,139.57.

Illi in propozitu il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, li hi ma taqbilx mal-perit legali, fejn sostna li nofs dak li thallas mill-attur biex jaghmel tajjeb ghall-loan tad-dar ghandu jigi rifuz lilu; u dan stante, li l-flus percepiti minnu u li eventwalment marru f' dawn il-kontijiet huma flus tal-komunjoni adoperati ghall-uzu ta' l-istess komunjoni u ghalhekk l-attur ma jista' jippretendi ebda kreditu fuq il-komunjoni gjaladarba ma rrizultawx li l-pagamenti saru minn flus parafernali tieghu. Inoltre, jigi osservat in propozitu li, filwaqt li hu baqa' jghix fid-dar matrimonjali, wara li l-konvenuta kienet kostretta li titlaq minn hemm minhabba l-agir vjolenti tieghu, il-konvenuta kellha tfendi ghar-rasha bit-tfal minuri u taghmel spejjez sabiex issib akkomodazzjoni adegwata ghaliha u ghal uliedha minuri.

Illi l-istess konsiderazzjoni tapplika wkoll ghall-pagamenti <u>kollha</u> maghmula mill-attur fil-mori tal-proceduri, stante li dawn saru minn flus tal-komunjoni ghal komunjoni, u ghalhekk lanqas f' dan ir-rigward mhi valida l-pretensjoni ta' l-attur ghal nofs l-ammont tal-pagamenti maghmula minnu. Inoltre, fir-rigward tal-loans relattivi ghan-negozju l-Qorti tosserva li dan kien qed jigi gestit unikament mill-attur li minn naha tieghu ma kien jghaddi ebda ntrojtu lill-konvenuta.

Illi rigward l-bilanci li jdhru fuq il-kontijiet li ghadhom miftuhin illum, inkluz dak tal-home loan, dawn huma debiti tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u bhala tali ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet konguntivament u wgwalment. Rigward il-loan mehuda biex isir refurbishment fuq il-Gatto, jigi osservat li dina kienet ittiehdet f' Jannar tas-sena 2002 qabel ma bdew il-proceduri odjerni, u l-ispejjez intefqu fuq proprjeta' tal-komunjoni, li sa dik is-sena kienet qeda topera bi qligh[42], u ghalhekk anke din ghandha tkun a kariku tal-komunjoni.

*Il-Manteniment*

[42] Vol.4 fol. 1632 – Dok.Y6

Illi permezz tad-digriet moghti fis-27 ta’ Dicembru 2006, il-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta gie rivedut fis-sens li dak dovut ghall-konvenuta ghaliha gie fissat fl-ammont ta’ LM100 fix-xahar, filwaqt li dak dovut ghaz-zewgt-it tfal bniet minuri gie fissat fl-ammont komplessiv ta’ LM150.

*Manteniment Futur*
Il-konvenuta ssostni li l-manteniment kif inhu fil-prezent huwa nadegwat, u qeda titlob li l-manteniment ghaliha jizdied ghal mhux anqas minn€466 [ekwivalenti ghal LM200], u dak tal-minuri jizdied ghal mhux anqas minn €349 [ekwivalenti ghal LM150] ghal kull wild minuri.

Hija tossottometti, in sostenn tat-talba taghha, li hi ghandha kondizzjoni medika “li zviluppat dan l-ahhar [u li] ghamlitha aktar difficli ghaliha li tohrog tahdem” u apparti minnhekk hija trid tiehu hsieb zewgt-it tfal minuri; inoltre hemm l-ispejjez ghall-bzonnijiet tat-tfal, li kontinwament jitilghu; u inoltre ghandha spiza korrenti ta’ €209.64 [LM90] fix-xahar kera ta’ l-appartament li dahlet fih meta kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali.

In propozitu huma relevanti ghall-finijiet tal-vertenza in dizamina l-osservazzjonijiet [1] li l-konvenuta ma gabitx provi sodisfacenti b’ appogg ta’ l-allegazzjoni taghha dwar il-kondizzjoni medika; u [2] li wahda mill-minuri llum ghandha 17-il sena, u allura hija kwazi maggjorenni.

Illi minn naha tieghu l-attur isostni li hu mhuwiex f’ pozizzjoni li jhallas manteniment lill-konvenuta ghar-ragunijiet segwenti: [1] il-kondizzjoni medika li ghandu u li timpedih milli jahdem b’ mod regolari; [2] it-tnaqqis tal-kummerc in generali fosthom fis-settur tal-bejgh tas-CD fuq il-Monti; [3] “il-kondizzjoni mweghra tal-Gatto; u [4] n-nuqqas ta’ ko-operazzjoni da parti tal-konvenuta matul il-proceduri odjerni, li ostakolatu milli jiehu certu “nizjattivi fix-xoghol u fis-settur kummercjali halli hu jtejjeb il-qaghda tieghu u tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.”

[A] Rigward l-ewwel raguni, il-Qorti tirrileva li, ghalkemm mill-provi jirrizulta li fis-sena 2006 l-attur kien ibati minn

ugiegh f' daru, kif jidher mic-certifikati[43] mahruga mill-Konsulenta Dr.JV Verlaat li wkoll hargitlu certifikati biex hu jikun jista' jiehu l-beneficcju socjali, izda ma rrizultax li din il-kondizzjoni hija wahda permanenti u li kienet tali li kienet timpedih milli jezercita kull attivita'. Di fatti fic-certifikat[44] taghha mahrug fis-7 ta' Frar 2006 l-istess konsulenta kienet ipproponiet lill-attur "surgical treatment", naturalment biex itejjeb il-kondizzjoni tieghu, izda ma jirrizultax mill-provi jekk l-attur segwiex il-parir tal-konsulenta tieghu, u jekk le, ghal liema raguni; u l-Qorti tosserva li l-provi f' dan ir-rigward huma skarsi.

Inoltre, jigi osservat li ma giet mressqa ebda raguni ghaliex l-attur, bniedem tan-negozju u fin-negozju, ma' jistax iqabbad impjegati fl-attivitajiet kummercjali tieghu, kemm f' dak li jirrigwarda il-bejgh ta' CDs kif ukoll f' dak koncernanti l-attivita' tas-sajd. Il-Qorti tikkunsidera bhala kontrosens li, filwaqt li fil-pagna 10 tan-nota tieghu huwa jsostni li ma jistax jahdem b' mod regolari, izda fil-pagna 12 jghid li "l-attur jaqbel li ghandu jzomm il-permess li ghandu ghall-istand ta' Bugibba, kif ukoll il-permess fuq ismu sabiex jarma l-Monti."[45] – ammissjoni cara li hu jista' jkompli jezercita l-attivita' kummercjali ta' hawker, anke jekk tramite impjegat jew impjegati.

[B] Rigward is-sottomissjoni ta' l-attur li bejgh tas-CDs fuq il-monti "mar lura hafna", il-Qorti tosserva li ma ngiebux provi in sostenn ta' dan l-allegat fatt; di piu' l-proposta ta' l-attur dwar iz-zamma tal-permessi tal-Belt u ta' Bugibba fuq ismu, iddghajjef din it-tezi.

[C] Rigward dak minnu sottomess rigward il-Gatto, jidher li dan gie superat bl-ghotja lilu mill-Gvern ta' LM150,000 sabiex jgi sostitwit il-bastiment, liema sostituzzjoni saret bix-xiri tal-bastiment 'Liberty 5' li ma' l-akkwist tieghu l-attur hass li kellu jitrasferih fuq kumpanija, filwaqt li fuq il-licenzja[46] tas-sena 2008 baqa' jidher hu bhala sid ghan-nom ta' l-istess kumpanija.

---

[43] Annessi ma' l-affidavit tieghu prezentat fit-28 ta' Frar 2006
[44] Dok.2
[45] Vol.4 fol.1724
[46] Vol.4 fol.1660

In propozitu din il-Qorti ma temminx li l-attur m' ghadux jopera l-attivita' tas-sajd, anke tramite terzi persuni, u tirribadixxi li din il-manuvra kienet saret sabiex jipprova jippriva lil martu minn dak li jappartjeni lilha bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Inoltre, jigi osservat li mill-prospett[47] prezentat minn Dr.Anthony Gruppetta jirrizulta fis-sena 2007 il-bastiment Liberty 5 ghamel bejgh ta' hut fl-ammont ta' €82,600 filwaqt li fis-sena 2008 sas-26 ta' Marzu 2008 il-bejgh kien ta' €24,661.

[D] Rigward l-allegazzjoni ta' l-attur, fis-sens li matul il-proceduri odjerni martu kienet xeklitu milli jtejjeb il-pozizzjoni kummercjali tieghu, ghal gid tal-komunjoni, il-Qorti tosserva li l-konvenuta kellha kull dritt li tuza l-mezzi legali kollha disponibbli ghaliha sabiex tikkawtela l-interessi taghha u ta' uliedha ; u inoltre, il-provi jaghtuha ragun, kif fuq spjegat fir-rigward tat-trasferiment tal-bastiment Liberty 5 fuq terza persuna.

In fine, il-Qorti tosserva li, ghalkemm matul il-proceduri kollha l-attur ilmenta kontinwament li hu kien ristrett hafna fl-attivita' kummercjali tieghu, u kien hemm zmien fejn hu allega li kien kostrett jieqaf mix-xoghol [fatt li din il-Qorti ma taccettax bhala veritier],izda xorta wahda sab fondi bizzejjed sabiex fid-dar matrimonjali jdahhal live-in mara Filippina bhala housekeeper u sabiex tiehu hsieb it-tfal, kif ukoll mara Russa sabiex din ukoll tiehu hsieb it-tfal meta dawn ikunu mieghu.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti, wara li ukoll hadet in konsiderazzjoni l-mezzi taz-zewg partijiet; u l-etajiet tal-konvenuta [li llum ghandha kwazi 50 sena] u tat-tfal minuri li jghixu maghha, hija tal-fehema li l-manteniment li l-attur, bhala l-parti unikament hatja tas-separazzjoni, ghandu jhallas lill-konvenuta bhala manteniment <u>ghaliha</u> ghandu jkun fl-ammont ta' €559[48] fix-xahar, sakemm tinbigh id-dar matrimonjali, u sussegwentement, dan jigi ridott ghal €350

[47] Vol.4 fol. 1632 Dok.Y6
[48] Dan l-ammont ikopri il-kera mensili ta' €209 li l-konvenuta hija kostretta thallas wara li giet kostretta titlaq mid-dar konjugali, filwaqt li l-attur baqa' jghix fl-istess fond.

fix-xahar; u dak ghall-minuri jkun ta' €350 ghal kull minuri sakemm isiru maggjorenni, jew jibdew jahdmu bi qligh regolari. Ghaldaqstant il-Qorti tordna li l-attur jhallas lill-konvenuta dawn l-ammonti bhala manteniment ghaliha, u ghal minuri. Il-hlas ghandu jsir fil-bidu ta' kull xahar.

L-ispejjez ta' l-edukazzjoni kollha, kif ukoll l-ispejjez relatati mas-sahha tal-minuri u li huma ta' natura straordinarja ghandhom jigu sopportati nterament mill-attur A B; filwaqt li spejjez relatati mas-sahha tal-minuri u li huma ta' natura ordinarja ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta H B.

*Arretrat ta' manteniment*

Illi l-konvenuta ssostni li hi ghandha tiehu arretrat ta' manteniment li jirrizali mis-sena 2007 sa Jananr 2009 fl-ammont ta' €7,686.93 u pprezentat prospett [mhux guramentat] anness man-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha. Minn naha tieghu l-attur ipprezenta prospett guramentat indikanti l-pagamenti mhallsa minnu, u dawk mhux imhallsa, sas-sena 2008.

Minn ezami tal-prospett jirrizulta li l-ammont pretiz mill-konvenuta, huwa kwazi daqs l-ammont globali tax-xhur li ghalihom l-attur jammetti li ma kienx hallas manteniment mis-sena 2006 sas-sena 2008 ; u ghalhekk il-Qorti hi sodisfatta li l-attur ghandu jghati lill-konvenuta bhala arretrat ta' manteniment is-somma fuq indikata, liema somma l-attur qed jigi ordnat li jhallas lill-konvenuta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' in parte t-talbiet ta' l-attur u in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, kif ser jinghad :

[1] tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament attribwibbli lill-istess attur ;

[2] tilqa' it-tieni talba limitatament kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata 'Kura u Kustodja' ;

[3] tilqa' t-tielet talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti' ; u, permezz tal-gudizzju odjern, tordna li l-attur jivvaka d-dar matrimonjali numru <indirizz> fi zmien sena millum;

[4] tichad it-talba markata bin-numru [5], stante li ma ngabux provi sodisfacenti fir-rigward ;

[5] tichad it-talba markata bin-numru [6] ;

L-ispejjez kollha jigu sopportati mill-attur, hlief dawk tat-talba markata numru [5] li ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------